MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1088/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Johann Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Johann Gauci**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Mario u Mary Doris neé Grixti, imwieled Pieta nhar l-10 ta' Settembru 1991 u residenti 15, Mardor, Triq Dun Xamd Cortis, Dingli, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 458391(M), akkuzat talli:

1. nhar il-20 ta' Ottubru 2012 ghall-habta ta' sebgha ta' filghaxija gewwa Triq Dun Xand Cortis, Dingli, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioé lil PC 482

Keith Muscat biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioé lil Mary Doris Gauci biza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, u cioé ufficjal tal-Pulizija, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita kompetenti;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC 482 Keith Muscat u dan skont kif iccertifikat minn Dr. Sant (med. Reg.5566) (Kap.9 Art.95, 96);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u/jew glied;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggaw bi kliem, gesti, b’kitba, disinji jew b’xi mod iehor;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq *scooter* ta’ kulur ahmar minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita’ relevanti u ghalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u/jew b’mod perikoluz (Art. 15(1)(2), 16(3) LS 65.11);

10. fl-istess msemmija data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta’ wara saq l-istess vettura bi traskuragni jew b’mod perikoluz;

11. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil PC 482 Keith Muscat.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog Ordni ta’ Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil PC 482 Keith Muscat u l-membri tal-familja tieghu, r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ PC 482 Keith Muscat u l-membri tal-familja tieghu *ai termini* tal-Artikolu 382A *et sequitur*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija, b’zieda ghal piena, il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lil Johann Gauci milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn tmint’ijiem kif mahsub f’Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, fosthom id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza li huma jaqblu li l-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu hija dik ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 10 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija), il-fatt li Mary Doris Gauci, omm l-imputat, ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, u kif ukoll id-dikjarazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 96, 216(1)(d), 251B(1), 252(1), 338(bb), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 3(1) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li:

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tal-ghaxar (10) u tal-hdax (11) imputazzjoni, tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin;

- fir-rigward tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni, tikkundanna lill-istess imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2500.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji

kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' (4) snin.

Fl-ahhar nett, il-Qorti, wara li rat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' PC 482 Keith Muscat u membri tal-familja tieghu u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------